IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 14.6.2012
COM(2012) 289 final

2012/0152 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri xierqa fid-Deċiżjoni 2011/492/UE dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Ginea Bissaw skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou u li temenda dik id-Deċiżjoni**

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fil-31 ta' Jannar 2011 l-Unjoni Ewropea ddeċidiet li tibda konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Ginea Bissaw skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim rivedut ta' Cotonou. Din id-deċiżjoni ttieħdet wara avvenimenti li seħħew fl-1 ta' April 2010. Dakinhar, fuq l-ordinijiet tal-Viċi Kmandant tal-Forzi Armati, il-Ġeneral Antonio Indjai, grupp ta' militari xewwiexa arrestaw il-Kmandant, l-Ammiral José Zamora Induta, kif ukoll il-Prim Ministru tal-Ginea Bissaw, Mr. Gomes Junior. Wara r-ribelljoni , il-Ġeneral Indjai impona ruħu de facto bħala Kmandant qabel ma nħatar uffiċjalment fil-25 ta' Ġunju 2010 b'digriet tal-President, Mr Bacai Sanha, fuq proposta tal-gvern.

Il-ħatra tal-Ammiral Bubo Na Tchuto bħala l-Kmandant tal-Marina, fit-8 ta' Ottubru 2010, kienet pass lura għall-governanza tajba fil-Ginea Bissaw. Rear Admiral Na Tchuto kellu rwol ta' destabilizzatur fis-segwitu ta wara r-ribelljoni tal-1 ta' April u huwa suġġett għal sanzjonijiet imposti minn imsieħba internazzjonali minħabba l-involviment suspettat tiegħu f'attivitajiet illegali.

L-Unjoni Ewropea tqis li r-ribelljoni tal-1 ta' April 2010 u l-ħatra ulterjuri tal-istigaturi ewlenin tagħha f'pożizzjonijiet għolja fil-ġerarkija militari huma vjolazzjoni partikolarment gravi u ovvja tal-elementi essenzjali msemmija fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou (ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi) u każ ta' urġenza partikolari, b'mod konformi mal-paragrafu 2(b) tal-Artikolu 96. Għalhekk fit-2 ta' Frar 2011 intbagħtet ittra lill-awtoritajiet tal-Ginea Bissaw fejn kienu mistiedna għall-konsultazzjonijiet.

Il-laqgħa tal-ftuħ tal-konsultazzjonijiet saret fi Brussell fid-29 ta' Marzu 2011.

Matul il-laqgħa msemmija hawn fuq, il-parteċipanti ġew infurmati dwar il-proposti li għamlet il-parti tal-Ginea Bissaw biex tiġi żgurata progressivament is-supremazija tal-awtorità ċivili, it-titjib tal-governanza demokratika, il-garanzija tar-rispett tal-ordni kostituzzjonali u l-Istat tad-Dritt kif ukoll għall-ġlieda kontra l-impunità u l-kriminalità organizzata.

L-impenji li ttieħdu mill-parti tal-Ginea Bissaw jinkludu b'mod partikolari:

- it-twettiq u l-konklużjoni ta' inkjesti u proċeduri ġudizzjarji li jkunu kompletament indipendenti u li jsiru f'kundizzjonijiet materjali u ta' sigurtà xierqa, rigward l-assassinji li saru f'Marzu u f'Ġunju 2009;

- l-implimentazzjoni effettiva tar-riforma tas-settur tas-sigurtà, abbażi tal-istrateġija approvata mill-parlament nazzjonali u l-pakkett leġiżlattiv imħejji bl-appoġġ tal-missjoni PSDK tal-Unjoni Ewropea;

- it-tiġdid tal-ġerarkija militari, biex jiġi żgurat li min jinħatar f'karigi għolja ta' kmand ikunu persuni mhux involuti f'imġiba antikostituzzjonali, illegali jew f'atti ta' vjolenza, skont il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-pjan ta' riforma tal-ECOWAS għas-settur tas-sigurtà;

- l-approvazzjoni u l-iffaċilitar ta' missjoni ta' esperti bħala appoġġ għar-riforma tas-settur tas-sigurtà u l-protezzjoni ta' personalitajiet politiċi, li għandha ssir bl-għajnuna tal-ECOWAS, tas-CPLP u/jew imsieħba oħra;

- it-tħejjija, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-pjanijiet operazzjonali nazzjonali għall-implimentazzjoni tar-riforma tas-settur tas-sigurtà u għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi;

- it-titjib tal-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja tal-impjegati ċivili u militari kif ukoll miżuri għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

L-Unjoni Ewropea ħadet nota ta’ dawn l-impenji fil-konklużjonijiet tal-konsultazzjonijiet tagħha. Hija ħeġġet lir-rappreżentanti tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw biex iniedu l-inkjesti u l-proċeduri ġudizzjarji relatati mal-avvenimenti tal-1 ta’ April 2010, sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-impunità, u biex jiġi propost kalendarju iktar dettaljat għall-implimentazzjoni tal-impenji, skont l-iskadenzi stabbiliti fil-pjan direzzjonali tal-ECOWAS.

Fit-18 ta' Lulju 2011, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/492/UE, l-Unjoni Ewropea ddeċidiet li taddotta l-miżuri xierqa għall-prestazzjoni ta' dawn l-impriżi, inkluż skema ta' impenji reċiproċi biex gradwalment il-koperazzjoni tal-UE terġa' taqbad.

Missjoni ta' segwitu tal-Artikolu 96 seħħet fil-Bissaw bejn it-18 u l-20 ta' Jannar, 2012. Ir-rapport tal-missjoni jiġbed l-attenzjoni għall-grad insuffiċjenti ta' implimentazzjoni tal-ewwel grupp ta' impenji indikat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/492/UE u, b'konsegwenza ta' dan, l-impossibbiltà li jkunu żblukkati l-programmi ta' korrispondenti ta' koperazzjoni. Ir-rapport kien endorsjat mill-Grupp ta' Ħidma dwar L-Afrika tal-Kunsill fil-15 ta' Frar 2012.

Fit-12 ta' April, seħħ kolp ta' stat minn elementi tal-forzi armati wara l-ewwel fażi tal-elezzjonijiet presidenzjali, li kienu qed isiru minħabba l-mewt ta' President Bacai Sanha f'Jannar; l-Aġent President u l-Prim Ministru kienu arrestati.

Minn dakinhar l-ECOWAS beda jagħmilha ta' medjatur biex jiffaċilita s-sejbien ta' soluzzjoni li twassal biex mill-ġdid ikun hemm ordni demokratika fil-Ginea Bissaw.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa importanti li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/492/UE ma titħalliex tiskadi minħabba li tipprovdi qafas fundamentali gaħll-promozzjoni tal-istabbiltà demokratika fil-Ginea Bissaw. Għaldaqstant huwa propost li d-data ta' skadenza tkun estiża sad-19 ta' Lulju 2013.

Il-kontenut l-ieħor tad-Deċiżjoni (i.e. il-kundizzjonalitajiet iddettaljati u r-risponsi tal-UE) jistgħu jeħtieġu xi adattamenti hekk kif is-sitwazzjoni politika tinbidel, iżda f'dan l-istadju mhux possibbli li jkun previst kif jistgħu jevolvu l-affarijiet b'reqqa suffiċjenti.

**Konklużjoni**

Fid-dawl ta’ dan kollu, il-Kunsill qed jintalab jadotta l-abbozz ta’ proposta mehmuż għal Deċiżjoni tal-Kunsill li testendi l-perjodu ta’ applikazzjoni tal-miżuri xierqa rigward il-Ginea Bissaw.

2012/0152 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri xierqa fid-Deċiżjoni 2011/492/UE dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Ginea Bissaw skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou u li temenda dik id-Deċiżjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000[1] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il'Ftehim ta' Cotonou'), kif rivedut f'Ouagadougou, il-Burkina Faso, fit-22 ta' Ġunju 2010[2], u partikolarment l-Artikolu 96 tiegħu,

Waqt li kkunsidra l-ftehim intern dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu u l-proċeduri li għandhom ikunu segwiti għall-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-KE[3], u b'mod speċjali l-Artikolu 3 tiegħu,

Waqt li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill, il-konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Ginea Bissaw skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou ngħalqu u ttieħdu miżuri xierqa, kif speċifikat fl-anness ma' dik id-Deċiżjoni.

(2) L-elementi essenzjali ċitati fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou għadhom qed jinkisru u l-kundizzjonijiet attwali fil-Ginea Bissaw ma jiżgurawx ir-rispett tad-dritijiet umani, il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt.

(3) Għaldaqstant id-Deċiżjoni 2011/492/UE għandha tkun emendata biex testendi l-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżuri xierqa.

---

1 ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
2 ĠU L 287, 4.11.2010, p.3
3 ĠU L 317, 15.12.2000, p.376, emendat mill-ĠU L 247, 09.09.2006, p.48

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2011/492/UE hija b'dan emendata kif ġej:

Fl-Artikolu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandha tiskadi fid-19 ta' Lulju 2013."

*Artikolu 2*

L-ittra annessa mad–deċiżjoni preżenti għandha tintbagħat lill-awtoritajiet tal-Ginea Bissaw.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# ANNESS

L-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika ta' Ginea-Bissau,

L-Onorevoli Prim Ministru tar-Repubblika ta' Ginea Bissaw,

Sinjuri,

Wara konsultazzjonijiet li saru fi Brussell fid-29 ta' Marzu 2011 fil-qafas tal-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE, l-Unjoni Ewropea fit-18 ta' Lulju 2011 iddeċidiet, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/492/UE li tadotta miżuri xierqa, inkluż skema ta' impenji reċiproċi biex gradwalment terġa' tibda l-koperazzjoni tal-UE.

Tnax-il xahar wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija hawn fuq, l-Unjoni Ewropea tikkunsidra li ma sar l-ebda progress insifikanti u għaldaqstant tiddeċiedi li testendi l-perjodu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tagħha 2011/492/UE sad-19 ta' Lulju 2013.

L-Unjoni Ewropea xtaqet għal darba oħra tenfasizza l-importanza li hi tagħti lill-koperazzjoni futura mal-Ginea Bissaw u tikkonferma r-rieda tagħha li tkompli bid-djalogu u li fil-futur qrib tagħmel progress lejn sitwazzjoni fejn terġa′ ssir possibbli koperazzjoni sħiħa.

Għoddni dejjem tiegħek,

| | |
|---|---|
| Għall-Kunsill | Għall-Kummissjoni |
| C. Ashton | A. PIEBALGS |
| President | Kummissarju |